MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2722/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**
**Reflex Computer systems (Malta) Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija wiehed u sebghin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmi (Lm2571.91) in konnessjoni mas-servizz

tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru "tlieta tnejn tnejn sitta erbgha tnejn" (322642);

Premess illi interpellata biex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli ;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija wiehed u sebghin liri Maltin u wiehed u disghin centezmi (lm2571.91).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' frar tas-sena elf disa u disghin (1999) u bl-imghaxijiet.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' David Buttigieg.

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba debotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumaci tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------